**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

Il-Pulizija

Vs

James Dimech

Illum 7 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' James Dimech, bin Joseph u Carmen nee Borg, imwieled fis-16 ta' April 1996, u residenti z-Zejtun, li għandu n-numru ta' karta tal-identità 170296M;

1. B'manjiera bla kont,

2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża,

3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata,

4. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt ħruq, jew għamilt xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa, minħabba f'hekk Carmela Galea batgħa offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta skond kif iċċertifika Dr. Carmela Galea MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Artikolu 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 226(b) tal- Kap 9 u Art 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 u fil-L.S. 65.18 Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS560 A.Grech** xehed permezz ta' affidavit.

Rat ir-rapport mediku tat-Tabib Dr.James Mifsud Med Reg No4432 mill-Isptar Mater Dei li ccertifika l-korrimenti gravi tal-vittma Carmela Galea nhar id-29 t'Awissu 2021.

**It-Tabib Dr. James Mifsud** xehed permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidrat**

**<u>Carmelo Galea, xehed hekk</u>**

Xhud: Iva nahlef,

Qorti: X'ġara sinjur?

Xhud: Dan niżel hekk għall-affari tiegħi.

Pros: Meta u fejn jekk jogħġbok?

Xhud: Is-Siġġiewi, kont qed inżel ma dik in-niżla, tal-benniena jghidulha niżel bil-vann sejjer għall-affari tiegħi.

Qorti: Meta sinjur?

Xhud: Is-sena l-oħra kien Awwissu.

Pros: Is-Siġġiewi, inti u sejjer għal Ħaż-Żebbuġ biex nifhmu?

Xhud: Ħaż-Żebbuġ qabel ma dik in-niżla hekk.

Qorti: Mis-Siġġiewi sejjer in-naha li għal-Ħaż-Żebbuġ?

Xhud: Mis-Siggiewi hiereg il-barra niezel ma dik in-nizla.

Pros: Il-lights u l-istage qbiżthom?

Xhud: Iva dawk qbiżthom.

Pros: Wasalt fejn ir-roundabout?

Xhud:  Le ma wasaltx qbadt in-niżla u kif qbadt imxejt ftit l-isfel daħal wieħed fuqi fuq wara nieżel ghal-affari tiegħi, u faqali wara kollu il-van iggiefiri mhux lili.

Qorti:  Qed taraft li xi ħadd hawn ġew?

Xhud:  Le hi le  le m'għarraftux ghax umbagħad ġiet dalma ġol-vann ul-vann irrejzjali waħda u ntefa' u daqshekk ma rajt xejn daqshekk nista' ngħid jien.

Avu:  Jiġifieri inti qed tikkonferma li min ħabat ġo fik li qed jgħid ħabat ġo fik inti la rajtu u la rajt il-karozza tieghu u lanqas in-number plate tiegħu?

Xhud:  Le jien ma rajt xejn dahna ġol-vann hekk ġiet daħna ma stajt narax xejn.

Pros:  Wara d-daħna x'ġara umbagħad?

Xhud:  Umbagħad il-vann irrejzjali ftit mexa ftit u waqaf u ntefa'.

Pros:  Imma inti umbagħad il-vann waqaf jahdem  x'gara wara?

Xhud:  Ma ġara xejn.

Pros:  Rajt il xi nies wara li ħarġet mill-vann?

Xhud:  Le umbagħad ... u ċemplu ma nafx min huma.

Pros:  Kellmek xi ħadd wara li rajt id-dalma sinjur?

Xhud:  Le dak il-ħin le umbagħad qisu xi kwarta wara kien tielgħa xi wieħed ma nafx min hu jew tnejn kemm kienu u ċempluli għal-ambulanza daqshekk.

Pros:  Tafx x'inhu number plate tal-vann tiegħek?

Xhud:  LCA 158 kien.

Pros:  Inti ġarrabt xi ġrieħi sinjur?

Xhud:  Le imma naqra żgħira fuq saqajja jien ma rrid xejn ta.

Pros:  Il-mara tiegħek taf jekk ġarrbitx xi ġrieħi?

Xhud:  Le le le wegġet naqra imma għaddielha cedielha imma.

**<u>Dr.Ilona Debono xehdet hekk:</u>**

Xhud:  Iva nahlef, fit-12 ta` Settembru 2023 smajt ix-xhieda ta` Carmela Galea ir-residenza taghha, u qed nipprezenta hawnhekk ix-xhieda bil-miktub u ukoll ittajpjata.

**<u>Carmela Galea xehdet hekk:</u>**

Domandi tal-prosekuzzjoni.

Mistoqsija dwar l-incident nirrispondi konnha niezlin għall-affari taghna mis-Siggiewi lejn San Vincenz u nara dahna gol-vann u ghedt lir-ragel li kien qed isuq biex iwaqqaf.

Jiena kont riekba fuq in-naħa ta' wara wara d-driver's seat. Dak il-hin rajt dalma u hssejt is-saqaf niezel. Is-seat tad-driver ceda lura.

Ir-ragel qata' siequ, rawna n-nies u waqfu biex jaraw irridux l-ghajnuna.

In-nies raw id-demm ma siequ u tawh xugaman biex jorbotha.

Cemplu ghar-ragel tat-tifla biex jigi, cemplu għall-ambulanza ukoll. L-ambulanza haditna Mater Dei lili zammuni jumejn u lir-ragel ghamlulu l-ponti u lil tawni cintorin ghal dahri ghax qaluli li ghandi naqra ksur f' dahri.

L-incident sehh f' Awwissu ta' xi sentejn ilu. L-incident sehh wara nofs in-nhar kien il-gurnata tal-Hadd.

Domanda: Wara l-incident bqajt tbgħati b' xi haga?

Risposta: B' dahri, qaluli naqra għandek ksur u tawni cintorin.

Domanda: Wara li rajt id-dahna inti rajt xi haga?

Risposta: Jiena ma rajna l-ħadd min hu. Ma nafux min hu. Jien min habat go fina ma rajtux.

Domandi Dr Philip Magri:

Mistoqsija jekk tiftakarx isem tat-triq nirrispondi li t-triq nafħa bħala 'l-benniena'.

Mistoqsija jekk nafx in-numru tal-karozza taghna nirrispondi li ma nafx.

Mistoqsija dwar id-dahna nghid li din giet mill-magna tal-karozza taghna ghax il-magna qedha fuq wara.

Mistoqsija minn fejn giet id-daqqa nirrispondi li din giet minn wara. Mistoqsija minn liem naħa ta' wara nirrispondi li mill-ġemb in-naħa tal-passiggier minn wara.

Mistoqsija jekk wara li sehh l-incident rajtx il-karozza li dahlet go fina nirrispondi li ma rajtiehx.

Ma nafx il-kulur tal-karozza u min hu.

Mistoqsija jekk sirtx naf wara min kien nirrispondi li lili ma qaluli xejn u ma nafx jekk qalux lir-ragel.

It-triq fejn konnha ghaddejjin tagħmel mas-Siggiewi.

Qabel ma sehh l-impatt ir-ragel kien qed isuq bil-mod. Ma niftakarx jekk kienx qed jagħmel manuvra.

L-imputat jiena ma rajtux.

Mistoqsija dwar jekk nafx li r-ragel tieghi meta mar l-ghassa bic-certifikat qalx li ma jxiteqx li jittiehdu passi kriminali nirrispondi li naf x' ghamel ir-ragel.

Nghid li kieku ma gejtx msejha biex nixhed ma kontx niehu passi kriminali. Jiena personalment ma mortx l-ghassa biex naghmel rapport.

Fuq ic-cintorin li tawni l-isptar, dak kelli nżommu għal xi sitt xhur jew iżjed u wara nehhietu.

Mistoqsija dwar il-kundizzjoni tieghi nirrispondi li ghandi l-artrite u d-diabete.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

L- importanza lill-prinċipju stabbilit fis-sentenza Il-Pulizija vs Karl Vella Petroni, liema sentenza tikkonferma li l-eżerċizzju tad-dritt għall-avukat u għas-silenzju għandu jkun garantit qabel ma tittieħed kwalunkwe stqarrija minn persuna suspettata.

U wara li kkunsidrat li l-evidenza ewlenija ppreżentata mill-prosekuzzjoni ġiet miksuba mingħajr ma ngħataw l-imputat it-twissijiet meħtieġa skont il-liġi, inkluż id-dritt li jikkonsulta ma' avukat u d-dritt li jżomm is-silenzju, u li għaldaqstant dik l-evidenza hija inammissibbli fil-kamp kriminali;

U wara li ma rriżultawx provi oħra li jissodisfaw l-oneru tal-prova "lil hinn minn kull dubju raġonevoli" dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat;

**Decide**

Ghal daw il-motivi u wara li rat l-artikolu 226(b) tal- Kap 9 u Art 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap 65 u fil-L.S. 65.18 Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx hati lil James Dimech mill-akkuzi kollha migjuba kontrih f'dan il-process kriminali u tillieberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**